# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2023**

**Numru 28**

**Rikors numru 168/20/1 JVC**

**Saviour Micallef u Antoinette Micallef**

**v.**

**L-Avukat ta' L-Istat u Bank of Valletta plc għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Dan l-appell jitratta ilment dwar ksur ta' drittijiet fundamentali marbuta ma' ordni ta' ffriżar taħt il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. B'sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Marzu 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), laqgħet limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti u iddikjarat illi d-dewmien fil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti Saviour Micallef, jivvjola d-dritt għal smigħ xieraq tal-istess Saviour

Micallef *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, filwaqt illi ċaħdet il-bqija tat-talbiet rikorrenti. *Di piu'* laqgħet it-tieni talba u l-ewwel rimedju mitlub limitatament għal dak li huwa kumpens f'danni mhux pekunjarji, u llikwidat is-somma ta' erbat'elef ewro (€4,000) favur ir-rikorrenti, u ċaħdet it-tieni talba u r-rimedji fil-bqija.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Ir-rikorrenti kienu ngħataw faċilitajiet bankarji mill-bank intimat kemm f'ismimhom propju u f'isem *The Veg Point Limited* sa mill-1996;

3. Maż-żmien ir-rikorrent waqgħu lura fil-pagamenti minnhom dovuti lill-bank u sussegwentement permezz ta' tliet kuntratti datati 1 ta' Diċembru 2006, fl-atti tan-Nutar Michel Dingli, ir-rikorrenti ikkostitwew lilhom nfushom veri, ċerti u likwidi debituri tal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Sentejn wara u ċjoè fl-2008, ir-rikorrenti kienu għadhom ma ħallsux id-dejn li kellhom mal-bank u għalhekk, permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' April, 2008, interpellat lir-rikorrenti sabiex jeffettwaw il-pagamenti minnhom dovuti.

5. Ir-rikorrenti baqgħu inadempjenti, u konsegwentement il-bank beda l-proċedura tas-subbasta fis-26 ta’ Novembru 2009.

6. Fil-frattemp, ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti in konnessjoni ma xi irregolaritajiet relatati mal-ħlasijiet tal-VAT. Sussegwentement ittieħdu proċeduri oħra fil-konfront ta’ Saviour Micallef, rigwardanti allegat ħasil ta’ flus, frodi, korruzzjoni, *trading in influence*, dikjarazzjonijiet foloz u akkużi oħra relatati mal-VAT. Infatti b’digriet tal-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti Istruttorja datat 9 ta’ Settembru 2009, inħareġ ordni ta’ ffriżar kontra l-istess rikorrenti Savior Micallef.

7. Sussegwentement fit-18 ta' Novembru 2009, b'Ittra Ufficjali numru 4143/2009, il-bank informat lir-rikorrenti illi hija kienet ser tipproċedi bil-mezz tas-subbasta sabiex tibda' titħallas somom ta' flus minn dawk dovuti lill-bank;

8. Fis-26 ta' Novembru, 2009, il-bank ippreżenta rikors għas-subbasta sabiex tinbiegħ il-proprjetà numru tnejn u erbghin [42], bl-isem 'San Nikola di Bari', Triq id-Difa, Siġġiewi flimkien mal-għalqa fil-limiti tas-Siġġiewi, kontrada "Ta' Haxluq" jew "Ta' Xurraf";

9. Fil-25 ta' Frar, 2010, ir-rikorrenti preżentaw nota, fl-atti tal-bejgħ bl-irkant, li biha infurmaw lill-Qorti bl-ordni tal-iffriżar fuq ir-rikorrent Saviour Micallef. Fit-23 ta' Marzu, 2010 seħħ il-bejgħ bl-irkant numru 82/2009 fejn

il-bank ġialadarba ma kienx hemm offerti li jistgħu joffru prezz ogħla, akkwista il-fondi mertu ta' din is-subbasta biex jinqata’ parti mill-bilanċ dovut mir-rikorrenti;

10. Minkejja dan ir-rikorrenti baqgħu jokkupaw l-imsemmija propjetajiet;

11. Fis-7 ta' April, 2010 il-bank preżenta Mandat ta’ Żgumbrament 549/2010 sabiex ir-rikorrenti jiżgombraw mill-proprjetajiet liberati bil-bejgħ bl-irkant tat-23 ta' Marzu, 2010;

12. Fil-15 ta April, 2010, ir-rikorrenti preżentaw rikors ġuramentat 370/2010 RCP quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jattakkaw il-bejgħ bl-irkant numru 82/2009;

13. B’sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 29 ta’ Mejju 2015, il-proċeduri ġew finalment determinati, b’dana illi t-talba tar-rikorrenti ġiet miċħuda.

14. Fil-15 ta' April 2010 ir-rikorrenti ppreżentaw rikors ġuramentat ieħor 372/2010 biex il-Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta’ żgumbrament bin-numru 549/2010. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenti permezz ta' sentenza datata 21 ta' Ġunju 2010;

15. Sussegwentement ir-rikorrenti Micallef intavolaw kawża Kostituzzjonali [Rikors numru 66/2015 SM] u b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Marzu 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, diversament preseduta, ċaħdet it-talbiet kollha tagħhom;

16. Ir-rikorrenti appellaw u b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju 2019, l-appell intavolat mir-rikorrenti ġie miċħud;

17. Fil-frattemp waqt li kienu għaddejin dawn il-proċeduri l-att tal-Mandat ta' Żgumbrament 549/2010 intilef u ma setax jinstab fir-Reġistru tal-Qorti u kellu jiġi rikostruwit. Hekk kif ġie miċħud l-appell kostituzzjonali u saret ir-rikostruzzjoni sabiex il-Mandat ikun jista' jiġi eżegwit, disa' snin wara li ġie milqugħ mill-Qorti, il-bank għadda biex jerġa' jipprova jeżegwixxi l-istess mandat ta' żgumbrament, iżda meta l-Marixxal mar biex jeżegwixxi l-istess mandat, eżattament fil-31 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti ma ħallewx lill-Marixxal jeżegwixxi l-istess Mandat, peress li stqarrew illi ser jippreżentaw proċeduri legali oħra;

18. Ir-rikorrenti fil-fatt preżentaw proċeduri legali oħrajn fl-atti tal-istess Mandat u ċjoè ir-Rikors Ġuramentat numru 997/2019 MCH sabiex jattakkaw l-mandat ta' żgumbrament a bażi ta' liberazzjoni b'subbasta numru 82/2009, liema liberazzjoni seħħet fit-23 ta' Marzu 2010 kif imsemmi iktar 'il fuq.

19. Permezz ta' digriet datat 29 ta' Ottubru, 2019, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament [Rikors Ġuramentat 997/2019 MCH hawn fuq imsemmi;

20. Sussegwentement ir-rikorrenti appellaw minn dan id-digriet u permezz ta' sentenza datata 18 ta' Frar, 2020 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Prim’Istanza u għalhekk ċaħdet it-talba għar-revoka tal-Mandat 549/2010;

21. Sussegwentement għal din is-sentenza, il-bank reġa’ għadda biex jerġa’ jipprova jeżegwixxi l-istess mandat ta' żgumbrament. Meta l-Marixxal mar biex jeżegwixxi l-istess mandat, eżattament fil-25 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti ma ħallewx lill-Marixxal jeżegwixxi l-istess mandat, peress li stqarrew illli ser jippreżentaw proċeduri legali oħra. Permezz ta' digriet *in camera* datat 11 ta' Awwissu 2020, fl-atti tal-istess mandat, il-Qorti, għal darb'oħra, reġgħet ordnat l-eżekuzzjoni tal-mandat ta’ żgumbrament 549/2010, u ddikjarat illi jekk ikun hemm il-bżonn, tali eżekuzzjoni ssir bl-isgass u bl-għajnuna tal-Pulizija;

22. Fl-24 ta' Awwissu , 2020, ir-rikorrenti preżentaw rikors fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament fejn fil-waqt li qalu li qed jippreżentaw ir-rikors odjern ma' dan ir-rikors, ir-rikorrenti talbu mill-ġdid illi l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament 549/2010. Il-

Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' dak ir-rikors. Fl-istess data r-rikorrenti intavolaw ir-rikors odjern.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

23. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar l-24 ta' Awwissu 2020 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti talbu dikjarazzjoni illi ġew leżi id-drittijiet fundamentali tagħhom hekk kif sanċiti fl-Artikoli 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u kif ukoll l-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni. Ulterjorment ir-rikorrenti talbu illi jingħataw kumpens finanzjarju u li l-Qorti tordna illi jiefqu kull proċeduri ta' żgumbrament sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti Saviour Micallef.

24. Permezz ta' risposta datata 4 ta' Settembru 2020 , l-intimat Avukat Ġenerali *inter alia* eċċepixxa illi l-ilmenti tar-rikorrenti kif mibnija fuq l-Artikolu 37 tal-kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma jistgħux jiġu mistħarrġa mill-ġdid, *stante* illi dwarhom diġà ngħatat sentenza bejn l-istess partijiet mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju 2019. *Di piu'* affermaw illi sa fejn it-talbiet huma msejsa fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċess kriminali, huwa miżmum illi

ma hemm l-ebda *time limit* li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha. Iżid illi jrid jiġi pruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. B'referenza għall-ordni ta' ffriżar, argumenta illi r-rikorrenti jista' jagħmel talba sabiex il-Qorti tibdel l-ordni ta' ffriżar u li kif diġà irriżulta fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2019, l-ordni ta' ffrizar ma kinitx il-kawża li wasslet lir-rikorrenti biex ma jħallsux id-dejn li kellhom mal-Bank of Valletta, *stante* li dan id-dejn kien ilu jeżisti minn xi tlett snin qabel ma nħarġet l-ordni ta' ffriżar.

25. Permezz ta' risposta datata 3 ta' Settembru 2020, il-Bank eċċepixxa illi l-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti huma diġà *res judicata* u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jinqdew b'dawn il-proċeduri biex jipprovaw jerġgħu jittrattaw materji li ġew ġja' finalment deċiżi mill-Qrati. *Inter alia* afferma ukoll illi t-*timeline* indikata mir-rikorrenti mhix waħda korretta, u li l-intenzjoni tar-rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri hija li jerġa' jiġi stultifikat l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament.

26. B'sentenza datata 30 ta' Marzu 2023, l-Ewwel Qorti (i) iddikjarat *ex officio* r-*res judicata* u laqgħet ukoll l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat dwar ir-*res judicata* limitatament għal dak li huma l-allegati effetti tal-ordni ta' ffriżar fuq ir-rikorrenti fit-termini tal-jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-Artikoli 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikoli 6, 8 u l-1 Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet

u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u ċaħditha biss fir-rigward tal-allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq limitatament għad-dewmien fil-proċeduri kriminali; (ii) iddikjarat *ex officio* wkoll *res judicata* kwalunkwe lanjanza tar-rikorrenti fil-konfront tal-Bank of Valletta intimat għal dak li hija s-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' zgumbrament bin-numru 549/10, (iii) iddikjarat konsegwentement li l-Bank of Valletta intimat mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tal-Bank intimat kontra r-rikorrenti; (iv) konsegwentement ċaħdet it-tieni rimedju mitlub mir-rikorrenti u ċjoè dak li jitlob 'Ordni illi jieqfu kull procedura ta' żgumbrament sakemm jintemmu l-proceduri kriminali' fil-konfront tar-rikorrent; (v) ċaħdet il-bqija tar-risposti tal-intimati limitatament biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż; (vi) laqgħet limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti u iddikjarat u ddeċiediet li d-dewmien fil-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Saviour Micallef, jivvjola d-dritt għal smigħ xieraq tal-istess Saviour Micallef *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta filwaqt li ċaħditha fil-bqija; (vii) laqgħet it-tieni talba u l-ewwel rimedju mitlub limitatament għal dak li huwa kumpens f'danni mhux pekunjarji fis-somma ta' erbat'elef ewro (€4,000) u ordnat li dan l-ammont jitħallas lir-rikorrent Saviour Micallef mill-intimat Avukat tal-Istat; (viii) ċaħdet it-tieni talba u r-rimedji fil-bqija.

**C. L-Appell:**

27. L-atturi ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u intavolaw appell fil-11 ta' April 2023 u talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma li nstabet vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għall-perjodu minn Jannar 2017 'l quddiem, tħassarha u tirrevoka u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu (i) laqgħet ir-*res judicata* eċċepita mill-Avukat tal-Istat fejn sabet ir-*res judicata* fuq l-ordni ta' ffriżar u (ii) in kwantu iddikjarat *res judicata* kwalunkwe lanjanza tar-rikorrenti fil-konfront tal-Bank of Valletta plc intimat għall-konsegwenzi tal-mandat ta' żgumbrament 549/2010 u fejn iddikjarat illi l-Bank of Valletta mhux leġittimu kontradittur u fejn ċaħdet it-tieni rimedju mitlub mir-rikorrenti li tieqaf kull proċedura ta' żgumbrament sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali; u (iii) fejn il-Qorti iddikjarat *ex officio res judicata* fiż-żewġ istanzi msemmijin u (iv) tvarja in kwantu issib illi l-vjolazzjoni tas-smigħ xieraq seħħ mill-bidu tal-proċeduri kriminali kontra l-esponent u l-ħruġ ta' l-ordni tal-iffriżar u żżid il-kumpens f'danni mhux pekunarji mogħtija fl-ammont ta' erbat elef ewro (Eur 4,000) bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-intimat.

28. L-Avukat tal-Istat, ġja l-Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta datata 17 ta' April 2023, u afferma illi s-sentenza appellata hija waħda ġusta u korretta u timmerita illi tiġi kkonfermata. Żied illi l-aggravji tal-appellanti huma żbaljati u wħud

minnhom huma prettament frivoli u vessatorji. Fir-rigward l-aggravju dirett lejn l-eċċezzjoni tal-ġudikat, l-appellat Avukat tal-Istat jargumenta illi l-ġudikat ikopri mhux biss il-kwistjoni ta' fatt u ta' dritt li tkun tressqet bl-azzjoni jew bl-eċċezzjoni, imma ukoll il-kwistjoni li ma tkunx ġiet dedotta fil-ġudizzju, jekk dik tkun tikkostitwixxi l-presuppost loġiku u essenzjali tad-deċiżjoni nnifisha. Jargumenta ukoll illi din l-eċċezzjoni kienet formalment eċċepita minnhom fir-risposta tagħhom u għalhekk mhuwiex mifhum kif l-appellanti qiegħdin jgħidu illi din tqajmet *ex officio* mill-Qorti. B'referenza għat-tieni aggravju jsostni illi l-appellanti qiegħdin jippretendu illi ġialadarba ma daħlux mill-bieb ser jippruvaw jidħlu mit-tieqa, għaliex minkejja li eżawrew kull rimedju leġali li kellhom fir-rigward it-twaqqif u l-kontestazzjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament u subbasta, qegħdin jjippruvaw jottjenu apprezzament mill-ġdid u dan minkejja li din il-Qorti mhiex qorti tat-tielet jew tar-raba' istanza.

29. Il-Bank ukoll wieġeb għall-appell permezz ta' risposta datata 24 ta' April 2023, u *inter alia* afferma illi l-appellanti mhuma jitolbu xejn ħlief apprezzament mill-ġdid tal-provi ġia prodotti u analizzati in prim'istanza. Iżid illi fir-rikors tal-appell odjern, fl-ebda stajdu ma jissenjalaw xi apprezzament lampanti ħazin magħmul mill-Ewwel Qorti jew xi deċiżjoni li ma kinitx fondata fil-provi prodotti, u għalhekk iqis illi l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti m'għandhiex tiġi disturbata. B'referenza għall-aggravju dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat, il-bank appellat isostni illi fil-kawża odjerna l-elementi tar-*res judicata* huma kollha

preżenti minkejja li l-appellanti ttentaw jimpostaw it-talbiet tagħhom b'mod differenti. Il-bank jirribadixxi ukoll illi d-dejn tar-rikorrenti huwa indipendenti mill-proċeduri kriminali u l-ordni ta' friżar fuq Savior Micallef u li tali eċċezzjoni kienet sollevata kemm mill-bank u kif ukoll mill-Avukat tal-Istat, b'dana illi ma jistax jifhem għaliex l-appellanti qed jaġixxu bħal donnhom kienu sorpriżi illi ġew rinfaċċati b'dikjarazzjoni ta' *res judicata.* B'referenza għal bqija tal-aggravji, il-bank jirrileva illi l-appellanti ma ressqu l-ebda provi li jisostanzjaw il-lanjanzi tagħhom.

*L-Aggravji:*

30. Peress illi kemm l-ewwel u t-tieni aggravju jitrattaw l-eċċezzjoni tal-ġudikat, din il-Qorti sejra tindirizza dawn iż-żewġ aggravji f'daqqa sabiex tiġi evitata ripetizzjoni u dilungar żejjed.

31. Permezz tal-***ewwel u t-tieni aggravju,*** l-appellanti jisħaq illi (i) l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta iddikjarat bħala *res judicata* l-effetti tal-*freezing order* riferibilment għall-Artikolu 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6, 8 u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; u (ii) li l-Ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata meta *ex officio* iddikjarat *res judicata* kwalunkwe lanjanza tal-appellanti fil-konfront tal-Bank, u lliberat lill-istess Bank mill-osservanza tal-ġudizzju.

32. Jispjegaw illi l-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2019 iddeċidiet biss fuq żewġ drittijiet u artikoli; dak tal-preżunzjoni tal-innoċenza fil-proċeduri kriminali a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, b'dana illi żammet riserva espressa dwar smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dan ifisser illi l-ewwel deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx tgħodd għall-proċeduri preżenti, b'dana illi l-*causa petendi* ma kinitx l-istess. Fir-rigward il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju tal-Bank, l-appellanti jikkontendu illi l-Bank huwa indispensabbli, għaliex mhuwiex estranju għal dak kollu li ġarbu l-appellanti, b'dana illi huwa kien minn tal-ewwel illi kien jaf bil-*freezing order*, u minflok stenna li l-proċeduri jintemmu, ħa miżuri biex biegħ b'subbasta u akkwista *animo compensandi* d-dar residenzjali tal-appellanti. Żiedu illi l-Ewwel Qorti ma spjegatx għalfejn illiberat lill-istess mill-osservanza tal-ġudizzju.

33. L-appellat Avukat tal-Istat jafferma illi huwa prinċipju konsolidat u uniformi fil-ġurisprudenza nostrana illi l-ġudikat la darba jikkwalfika bħala tali japplika wkoll mhux biss għal dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat iżda ukoll dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Isostni illi l-argument tal-appellanti illi din il-kawża hija xprunata fuq kawżali differenti huwa skorrett. Iżid illi mir-riżultanzi probatorji irriżulta b'mod evidenti illi l-appellanti eżawrew kull rimedju legali li kellhom fir-rigward it-twaqqif u l-

kontestazzjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta’ żgumbrament u subbasta u għalhekk ma jistgħux jippretendu illi għaliex ma daħlux mill-bieb issa jidħlu mit-tieqa.

34. Il-Bank appellat b’referenza għal dan l-ewwel aggravju irrileva illi fil-kawża odjerna hemm l-elementi kollha tal-istitut tal-ġudikat u li l-appellanti ntilfu fl-ispezettar tar-rekwiżiti biex jevitaw il-fatt illi ma hemm ebda ilment ġdid kontra l-bank illi mhux diġà deċiż. Il-Bank sostna ukoll illi l-azzjoni tal-bank sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha bħala kreditriċi tal-appellanti hija totalment estranja għall-ordni ta’ friżar fuq l-appellant Saviour Micallef. Iżid illi dawn il-proċeduri mhuma xejn għajr tenattiv sabiex l-appellanti jippruvaw itawwlu ż-żmien li fih għandhom jiżgumbraw mill-fondi liberati favur il-bank.

35. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in materja:

> *“Eccezzjoni Res judicata:-*
>
> *Illi bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-Avukat tal-Istat isostni kif isegwi: ‘Illi qabel xejn, l-ilmenti tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-Artikolu 37 talKostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistghux jigu mistharrga mill-gdid, ghaliex dwarhom ga nghatat sentenza bejn l-istess partijiet mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Gunju 2019, kopja ta liema giet ippreżentata mar-rikors kostituzzjonali stess.’*
>
> *Illi kif gia espost l-ilmenti tar-rikorrenti kif elenkati minnhom firrikors kostituzzjonali odjerni huma s-segwenti:*
>
> *(i) dewmien fil-process kriminali kontra r-rikorrent;*
> *(ii) dewmien konsegwenti fil-freezing order;*
> *(iii) konsegwenti nuqqas ta’ smigh xieraq;*
> *(iv) konsegwenti vjolazzjoni tal-protezzjoni ghall-intimita*
> *tad-dar.*

*Illi s-sentenza li ghaliha ssir referenza f'din l-eccezzjoni gia giet ikkwotata aktar il-fuq minn din il-Qorti. Jirrizulta evidenti minn dik l-istess decizjoni li kwalunkwe allegazzjoni da parti tar-rikorrenti ghal dak li jiggwarda l-allegat effett tal-'freezing order' fuq il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti b'referenza ghad-dritt ghal smiegh xieraq fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenju Ewropea hija llum 'res judicata'.*

*Illi l-Qorti tqajjem ukoll ex officio li mid-decizjonijiet kollha tal-Qrati precedenti esebiti fl-atti odjerni tirrizulta wkoll res judicata kwalunkwe lanjanza legali bejn ir-rikorrenti konjugi Micallef u l-Bank intimat Bank of Valletta b'referenza ghas-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' zgumbrament ezekuttiv fil-konfront taghhom stante li din il-Qorti rat li r-rikorrenti, qabel intavolaw il-kaz odjern, esawrew kull mezz legali possibbli li setghu f'tentattiv li jwaqqfu l-ezekuzzjoni tieghu u/jew jattakkaw il-validita' tieghu. Illi bil-kuntrarju izda jirrizulta lil-Qorti li l-lanjanza tar-rikorrenti, sakemm din hija limitata biss ghad-dewmien tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Saviour Micallef thalliet specifikatament impregudikata fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fl-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat.*

*In vista ta' dak kollu suespost allura din il-Qorti tikkonkludi li jsegwi:*
*(i) Illi kull lanjanza kostituzzjonali relattiva ghall-ordni ta' ffrizar fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija llum res judicata bejn il-partijiet;*
*(ii) Illi kull lanjanza bejn ir-rikorrenti u l-Bank of Valletta intimata relattiva ghall-atti tas-subbasta u l-mandat ta' zgumbrament hija wkoll res judicata bejn il-partijiet.*
*(iii) Illi jibqa' ghalhekk pendenti bejn ir-rikorrenti Micallef u lintimat Avukat tal-Istat il-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma mir-rikorrenti relattivi ghad-dewmien fil-proceduri kriminali u ghalhekk l-allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq that l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni limitati ghad-dewmien u xejn aktar.*
*(iv) Illi bejn ir-rikorrenti Micallef u l-Bank of Valletta intimat jirrizulta li ma hemm l-ebda lanjanza pendenti stante li bejniethom jirrizulta li kollox gie fil-gudikat, huwa evidenti ghalhekk li l-Bank intimat mhux il-legittimu kontradittur sabiex jirrispondi fuq allegat dritt fundamentali ghal smiegh xieraq relatat mal-proceduri kriminali. Illi din il-Qorti hija obbligata li ex officio hi stess tqajjem il-gudikat (li hija materja ta' nteress pubbliku) bejn ir-rikorrenti u l-intimat Bank of Valleta u konsegwentement tghaddi sabiex tiddikjara li l-Bank of Valletta intimat mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.*
*(v) Illi kif dikjarat mill-istess rikorrenti, tlieta mill-erba' lmenti mqajjma minnhom fl-atti odjerni huma kollha dwar l-ordni ta' ffrizar jew il-konsegwenti effetti tal-istess ordni ta' ffrizar u ċjoè:*

*'(i) dewmien konsegwenti fil-freezing order (iii) konsegwenti nuqqas ta' smigh xieraq u (iv) konsegwenti vjolazzjoni tal-protezzjoni ghall-intimita tad-dar.' (ara premessa numru 5)*

*Illi dan iwassal lill-Qorti ghall-analizi wkoll dwar jekk hemmx res judicata tat-talbiet l-ohra fit termini tal-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 38 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-Qorti qed issostni dan ghar-raguni li anki jekk ir-rikorrenti, fir-rikors kostituzzjonali precedenti gia deciz, ma qajjmux l-allegazzjoni tal-ksur tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni relattivi ghad-dritt fundamentali ghall-protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà ohra, kif ukoll il-ksur tal-jedd kontra t-tehid tal-proprjetà minghajr kumpens gust fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni, il-gudikat la darba jikwalifika bhala tali japplika wkoll (skont bosta gurisprudenza) mhux biss ghal dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, izda wkoll dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih, ir-rikorrenti fil-kaz odjern. Evidentement fil-kaz kostituzzjonali precedenti r-rikorrent kellu se mai iqajjem dan ukoll. Ara fost ohrajn Professur Henry u Margaret konjugi Frendo cs. Tarcivio Grima, 90/2015 JVC, Qorti tal-Magistrati Ghawdex Superjuri, datata 29 ta' Mejju, 2018. 49 ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu taht dawn l-artikoli msemmija la darba l-lanjanza tieghu kienet dejjem ibbazata fuq l-effetti tal-ordni ta' ffrizar. Ghalhekk il-qorti tqis li l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti odjerni fir-rikors odjern dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom relattivi ghall-intimata' tad-dar jew proprjetà ohra u protezzjoni kontra t-tehid tal-proprjetà minghajr kumpens gust, konsegwenzjali ghall-ordni ta' ffrizar, huma llum kollha res judicata."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

36. Fir-rigward l-istitut tar-*res judicata* fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Charles Cortis v. Francis X. Aquilina*** ġie ritenut illi:

*"…llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est);*[1]

[1] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru 2023 mill-Onor Imhallef Mr. J. R. Micallef

*Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija; Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat;*

*Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.*[2] *Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ ittieni kawża jkun diġà' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża*[3]*;"*

37. Il-Qorti fis-sentenza su-ċitata żiedet illi:

*"Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni;*[4]*"*

38. Fir-rigward l-istitut tal-ġudikat ġie ukoll rilevat illi huwa dottrinalment aċċettat illi l-awtorità tal-ġudikat tkopri mhux biss id-dedott imma wkoll id-deduċibbli, mhux biss il-kwistjonijiet espressament miġjuba fil-ġudizzju iżda wkoll dawk l-oħra inerenti u ta' komunanza għall-fatt kostituttiv tat-talba jew ta' xi waħda mit-talbiet, jew ta' l-eċċezzjonijiet dedotti fil-ġudizzju. Dan hu aħjar illustrat mill-osservazzjonijiet magħmula fid-deċiżjonijiet li jsegwu;-

[2] Ara P.A. 11.3.1949 fil-kawża fl-ismijiet Cassar Parnis vs Soler (Kollez. Vol: XXXIII.ii.344);
[3] P.A. GV 27.6.1995 fil-kawża fl-ismijiet A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et (Mhix pubblikata)
[4] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Camilleri vs L. Mallia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.305), u s-sentenzi hemm imsemmija.

> *"Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss għar-rigward ta' dak li ġie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss, u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi tal-'causa petendi' - "Carmelo Bonello -vs- Onor Edgar Cuschieri nomine", Appell Civili, 6 ta' Marzu 1950; "Joseph Vella -vsEmanuel Falzon", Appell, 25 ta' Frar, 1997;*
>
> *"Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. Hemm gudikat implicitu meta ddecizjoni tkun konsegwenza necessarja ta' disposizzjoni espressa billi l-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza" – "Nobbli Pasquale Waldemar dei Baroni Sciberras Trigona -vs- Oscar Sammut nomine", Appell Ciivli, 25 ta' April, 1938; "Eugenio Borg nomine -vs- Saverio Farrugia", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1952;"*

39. Fil-każ odjern, huwa it-tielet element, u ċjoè l-*eadem causa petendi,* li jinsab kontestat u dan kif *ex admissis* sottomess mill-appellant fir-rikors tal-appell tagħhom f'paġna 4. Tifsira ċara u konċiża dwar x'jitlob dan l-element biex jissussisti ġiet mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet ta' *Twilight Enterprises Limited v. Festa Limited,* li fiha ġie osservat illi:

> *"[ġ]eneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew il-kawżali li fuqhom jinbdew it-talbiet tal-kawża"*

40. Fuq l-istess ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet ta' *Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Limited* intqal li: "Din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat." F'din is-sentenza tal-aħħar ġie osservat ukoll li: "l-Prof. Caruana Galizia f' "Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428) spjega li *l causa petendi* hi "the title on which the demand is based". Għalhekk, din hija t-titlu, ċjoè, l-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-

"eadem causa petendi" tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat."

41. Huwa wkoll magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li biex jissussisti l-element tal-identità tal-*causa petendi* mhuwiex meħtieġ li t-talbiet jew il-motivi li jwasslu għal dawk it-talbiet ikunu l-istess. Per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet ta' *Adrian Busietta noe. v. Marco Attard noe* din il-Qorti semmiet illi:

> "*Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gjudikat anki meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess .... (Volume XXXVI part (i) page 75).*"

42. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identità bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu għal dik is-sentenza;

43. Il-Qorti għalhekk trid tħares lejn il-fini tal-kawżi li jkunu qed jiġu maqbula u jekk ir-raġunijiet invokati għal dak l-iskop humiex l-istess jew, jekk differenti, setgħux dawk imqanqla fit-tieni każ bħala motivi "godda", ikunu ġew imqanqla fl-ewwel każ li għadda in ġudikat. Kif intqal, il-ġudikat ma jiġix nieqes minħabba d-diversità tal-motivi. Fir-rikors promotur bin-numru 66/2015/1 l-appellanti talbu is-segwenti:

> *"1) il-bejgħ fl-irkant tal-propjetajiet hawn fuq imsemmija tal-esponenti milquta b'ordni ta' friżar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 li naqset milli tinnega tali bejgħ, jammontaw għal interferenza fid-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà tal-esponenti in* ***vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea;***
>
> *2) il-bejgħ fl-irkant tal-proprjetajiet hawn fuq imsemmija tal-esponenti milquta b'ordni ta' friżar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 li naqset milli tinnega tali bejgħ,* ***jammontaw għal vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem hekk maħsub f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***
>
> *3) għalhekk, tannulla, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u tinnega l-bejgħ fl-irkant b'tali mod illi l-esponenti jitpoġġew f'status quo ante ta' qabel ma seħħet il-vjolazzjoni;*
>
> *4) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-dritt għattgawdija tal-proprjetà li għalih huma intitolati l-esponenti, inkluż iżda mhux limitat għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' ammont ta' kumpens rappreżentanti danni għall-vjolazzjoni imsemmija."*

44. Fir-rikors promotur li bih skattaw il-proċeduri odjerni, l-appellanti talbu lill-Ewwel Qorti kif preseduta:

> *"Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq esposti saret u ssib vjolazzjoni ta' a bazi ta' l-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem (Il-Konvenzjoni), l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Il-Kostituzzjoni) u l-art 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-art 37 tal-Kostituzzjoni u l-art 8 tal-Konveznjoni u 38 tal-Kostituzzjoni."*

45. Il-Qorti eżaminat u kkumparat bir-reqqa l-atti in kwistjoni u tqis illi jekk wieħed jelimina mill-ekwazzjoni l-lanjanzi abbażi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li fir-rikors promotur odjern saru fl-isfond u taħt il-kappa tad-dritt għall-smigħ xieraq *entro* żmien raġonevoli, kwistjoni li tħalliet espressament miftuħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2019, din il-Qorti ma tarax illi l-ftit biddlit kosmetiċi li saru lir-rikors odjern biddlu n-natura tal-azzjoni minn dik oriġinarjament intavolata permezz tar-rikors bin-numru 66/2015SM.

46. Il-Qorti tfakkar illi argumenti "godda" ma jbiddlux is-sustanza tal-azzjoni ġialadarba din baqgħet l-istess. Fil-fatt, mit-talbiet fuq imsemmija, il-Qorti rat illi l-lanjanzi abbażi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dawk abbażi tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jirrafiguraw kemm fir-rikors oriġinali u anke f'dak odjern, b'dana illi l-aspett novell fir-rikors promotur odjern kien biss l-introduzzjoni tal-lanjanzi abbażi tal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni.

47. Għalkemm din il-Qorti tikkonċedi illi l-lanjanzi oriġinarjament proposti fir-rikors oriġinali, issa saru fl-isfond u fil-kuntest ta' allegazzjoni ta' dewmien irraġonevoli, huwa daqstant ieħor evidenti illi din mhija xejn għajr kopertura konvenjenti oħra, bl-għan illi jinkiseb apprezzament ieħor

mill-ġdid tal-viċendi kollha li wasslu lill-appellanti fis-sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha.

48. Il-Qorti tikkondividi pjenament dak rilevat mill-Avukat tal-Istat u kif ukoll dak deċiż mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal- lanjanzi abbażi tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u kwalunkwe lanjanza legali bejn ir-rikorrenti konjuġi Micallef u l-Bank, partikolarment b'referenza għas-subbasta u l-konsegwenti mandati ta' żgumbrament eżekuttivi. Huwa pależi għal din il-Qorti illi l-appellanti pruvaw jużaw kull mezz disponibbli ripetutament bl-intendiment li kull darba jittentaw jiksbu apprezzament mill-ġdid u possibbilment apprezzament favur tagħhom taċ-ċirkostanzi li, huwa bil-wisq ovju, ġabu b'idejhom huma stess. Fil-fatt fir-rikors tal-appell stess, l-appellanti indikaw illi huma: *"diġà ipprovaw inutilment jaġixxu fuq din is-sitwazzjoni fejn intavolaw proċeduri kostituzzonali."* Minkejja dan, għat-tieni darba reġgħu fetħu proċeduri ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali oħra li prattikament identiċi għal dawk oriġinarjament intavolati minnhom.

49. Fil-fatt minkejja li kemm quddiem l-Ewwel Qorti u anke issa fl-istadju tal-appell, ippruvaw jagħtu bixra differenti kif verament żvolġew l-avvenimenti li minħabba fihom l-appellanti sfaw fis-sitwazzjoni prekarja li jinsabu fiha, minn eżami akkurat tal-provi in atti, irriżulta lil din il-Qorti b'mod inekwivoku qalet ili l-ordni ta' ffriżar ma kellu l-ebda sehem fiċ-

ċirkostanzi li wasslu lill-istess appellanti ma jħallsux id-dejn dovut lill-Bank.

50. Għalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravju.

51. Permezz tat-***tielet aggravju***, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti għamlet ħażin li ssollevat u ddeċidiet il-ġudikat *ex officio* mingħajr ma tat l-opportunità lill-partijiet jitrattawhom u dan kontra d-dispost tal-Artikolu 732A tal-Kap 12. Jispjegaw illi hija kwistjoni mhux deċiża kemm l-eċċezzjoni ta' *res judicata* hija waħda sollevabbli mill-Qorti. Filwaqt illi jammettu illi din l-eċċezzjoni ġiet sollevata ukoll mill-partijiet, isostnu illi jekk il-Qorti dehrilha illi din kienet eċċezzjoni ta' ordni pubbliku jew waħda sollevabbli fi kwalunkwe każ mill-Qorti, messha avvertiet lill-partijiet minn qabel u tagħthom opportunità li jitrattawha.

52. L-Avukat tal-Istat isostni illi huwa *ormai* risaput illi l-istitut tar-*res judicata* tista' titqajjem mill-Qorti, meta parti tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eċċezzjoni formali. Iżid illi fil-każ odjern, mhux talli l-partijiet għamlu referenza għas-sentenza preċedenti bejn il-partijiet iżda talli eċċeppew formalment l-eċċezzjoni, u għalhekk ma jistax jiġi mifhum kif l-appellanti ħarġu b'din il-linja ta' argumentazzjoni li hija totalment kontradittorja. L-Avukat tal-Istat

issottolinea ukoll illi l-argument tal-appellanti illi l-Qorti kellha tavvertihom illi din l-eċċezzjoni kienet ser tiġi meqjusa, huwa ukoll fallaċi.

53. Il-Bank Appellat bħall-Avukat tal-Istat isostni illi dan l-argument huwa wieħed infondat *stante* illi kemm il-bank kif ukoll l-Avukat tal-Istat qajmu din l-eċċezzjoni, u għalhekk l-appellanti kellhom kull opportunità li jagħmlu s- sottomissjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

54. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> *"Illi l-Qorti tqajjem ukoll ex officio li mid-deċiżjonijiet kollha tal-Qrati preċedenti esebiti fl-atti odjerni tirriżulta wkoll res judicata kwalunkwe lanjanza legali bejn ir-rikorrenti konjugi Micallef u l-Bank intimat Bank of Valletta b'referenza għas-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' żgumbrament eżekuttiv fil-konfront tagħhom stante li din il-Qorti rat li r-rikorrenti, qabel intavolaw il-każ odjern, esawrew kull mezz legali possibbli li setgħu f'tentattiv li jwaqqfu l-eżekuzzjoni tiegħu u/jew jattakkaw il-validita' tieghu."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

55. Din il-Qorti ssib illi dana l-aggrvaju huwa infondat.

56. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva illi ta' relevanza għal materja huma l-osservazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti kif diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet: *Anthony Aquilina vs Reppublika ta' Malta u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' April 2010, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża, l-intimat flok jaqra "Ir- Reppublika ta' Malta" irid jaqra "l-Avukat Ġenerali", u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' April, 2010, il-Qorti ordnat il-kjamat*

*fil-kawża ta' Joseph u Josephine konjugi Camilleri* deċiża nhar l-24 ta' Ġunju 2011:

> *"Effettivament l-ewwel Qorti ma qalitx li l-eċċezzjoni tar-res judicata tista' titqajjem ex officio f'kull każ iżda spjegat li skont il-ġurisprudenza tagħna tista' tiġi sollevata ex officio mill-Qorti jekk u meta tinġieb għall-attenzjoni tagħha sentenza oħra li tista' tkun ta' ostakolu għas-smigħ tal-kawża ġdida. Spjegat li l-iskop hu sabiex jiġi evitat li kwistjoni diskussa u deċiża minn Qorti terġa' tinfetaħ biex terġa' tiġi diskussa u deċiża "u dan in vista tal-prinċipju ta' 'stare decisis' li hu wieħed ta' ordni pubbliku".*
>
> *Din il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni f'Albert Pace Cole vs Iċ-Ċhairman tal-Maltacom p.l.c noe" fejn ġie ritenut li għalkemm "mhux ċar" jekk il-Qorti tistax tissoleva hi stess ex officio l-ġudikat, jidher li tista' tissollevaha hi stess meta tkun saret riferenza għad-deċiżjoni preċedenti. F'dik il-kawża kienet saret riferenza għad-deċiżjoni preċedenti, l-eċċezzjoni formali ingħatat, pero` wara ġiet irtirata. Il-Qorti kienet daqsxejn perplessa fiċ-ċirkostanzi u kellha d-dubbji jekk din il-proċedura kienitx valida għaliex fil-fehma tagħha (kuntrarjament għal dak li jgħallem il-Laurent) "il-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-ordni pubbliku u ċ-ċertezza ta' dritt", u fil-fatt għalkemm reġgħet eżaminat il-mertu tal-każ mill-ġdid dan għamlitu b'certu reluttanza għaliex fil-fehma tagħha ħasset li kienet qegħdha tagħti lir-rikorrent "eżami doppju". Din il-Qorti wkoll tħossha xxaqleb lejn il-fehma li l-ġudikat huwa istitut ta' ordni pubbliku (nonostante dak li jgħallem il-Laurent) għaliex kif jargumentaw il-kjamati fil-kawża, huwa intiż biex bejn il-partijiet tinżamm sħiħa l-awtoritàtal-Qorti fid-deċizjoni tagħha bl-effett li una volta tkun diġà` esprimiet ruħha fuq materja, u d-deċiżjoni tagħha tkun għaddiet in ġudikat, ma tistax parti terġa' tqajjem ilkwistjoni b'riskju ta' deċiżjoni konfliġġenti."*

57. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva illi anke minn ħarsa superfiċjali tar-risposti intavolati mill-appellati intimati għar-rikors promotur, huwa evidenti illi kemm il-Bank intimat u kif ukoll l-Avukat tal-Istat eċċepew l-eċċezzzjoni tal-ġudikat. Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat permezz tal-ewwel eċċezzjoni rrileva illi:

> *"Illi qabel xejn, l-ilmenti tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistgħux jiġu mistħarrġa mill-ġdid, għaliex dwarhom ga ngħatat sentenza bejn l-istess partijiet mill-Qorti*

> *Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju 2019, kopja ta liema ġiet ippreżentata mar-rikors kostituzzjonali stess"*

58. Il-bank imbagħad eċċepixxa is-segwenti:

> *"Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, il-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti huma llum il-ġurnata res judicata u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jinqdew b'dawn il-proċeduri biex jippruvaw jerġgħu jittrattaw materjal li ġew ġia finalment deċiżi mill-qrati tagħna."*

59. Il-Qorti rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi u osservat illi din l-eċċezzjoni ġiet indirizzata mill-partijiet kollha. Fil-fatt, l-appellanti kienu indirizzaw din l-eċċezzjoni fin-nota ta sottomissjonijiet tagħhom, b'dana illi kien l-ewwel punt minnhom indirizzat. L-istess sar mill-Avukat tal-Istat u mill-Bank. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem l-argument avvanzat mill-appellant permezz ta' dana l-aggravju, meta huwa pależi illi din l-eċċezzjoni kienet formalment eċċepieta, u anke trattatha mill-partijiet fis-sottomissjonijiet rispettivi tagħhom.

60. Filwaqt illi din il-Qorti tista' possibbilment tikkonċedi illi l-eċċezzjoni avvanzata mill-Avukat tal-Istat tindirizza biss il-lanjanzi tal-appellanti in kwantu dawn huma mibnija fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma jistax jingħad l-istess għall-eċċezzjoni sollevata mill-Bank.. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward l-isollevar *ex officio* tal-ġudikat fir-rigward "*kwalunkwe lanjanza legali bejn ir-rikorrenti konjugi Micallef u l-Bank intimat Bank of Valletta b'referenza għas-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' zgumbrament eżekuttiv fil-konfront tagħhom"*

61. Huwa evidenti illi l-eċċezzjoni avvanzata mill-Bank, għalkemm forsi mhux b'mod daqstant dirett, tinkorpora ukoll kwalsiasi lanjanza legali bejn l-appellanti u l-Bank, inkluż is-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' żgumbrament eżekuttiv fil-konfront tal-istess appellanti. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jiġi dedott mill-premessi li jsegwu din l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank u anke mit-*timeline* hemm indikata, fil-fatt, kopji tal-atti relattivi kienu ukoll annessi mar-risposta tal-Bank. Il-Qorti tqis illi l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti kif riportata, għandha tiġi meqjusa f'dan l-isfond u b'rabta mal-premessi avvanzati mill-Bank fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur.

62. Għalhekk issib illi dana l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

63. Permezz ***tar-raba' aggravju***, l-appellanti filwaqt illi jitolbu lil din il-Qorti tikkonferma is-sejbien ta' leżjoni tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, jitolbu varjazzjoni, u ċjoè awment fil-kumpens non-pekunarju likwidat mill-Ewwel Qorti. Jitolbu ukoll varjazzjoni fil-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti b'dana illi l-Ewwel Qorti addebitat in-nuqqas ta' prova li jiġi prodott il-proċess lill-appellanti, meta dan l-oneru fil-fehma tal-appellanti kien jinkombi fuq l-intimat Avukat tal-Istat.

64. L-Avukat tal-Istat fl-ewwel lok afferma illi l-appellanti qiegħdin jaqblu illi tali nuqqas ta' prova jirriżulta mill-atti, u li fit-tieni lok, l-appellanti

naqsu milli jifhmu illi s-sempliċi dekorriment taż-żmien f'proċeduri ġudizzjarji mhiex prova suffiċjenti li turi illi ġie leż dritt fundamentali. Lanqas ma jreġġi l-argument tal-appellanti illi l-oneru tal-prova kellha tkun fuq l-Avukat tal-Istat għaliex huwa eċċepixxa illi t-trapass taż-żmien ma kienx wieħed irraġonevoli. Huwa *ormai* assodat illi l-oneru tal-prova tispetta dejjem lil min qiegħed jallega u mhux bil-kontra. Lanqas ma huwa fondat l-argument tal-appellanti illi ġialadarba huma ġabu prova *prima facie* tal-allegat dewmien, l-Avukat tal-Istat kellu jirribatti dik il-prova; proċeduri kostituzzjonali mhumiex proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni fejn wieħed irid jiddibatti allegazzjonijiet dwar il-*prima facie*, iżda huma proċeduri fejn trid tinġieb l-aħjar prova possibbli. Iżid illi quddiem l-Ewwel Qorti qatt ma ntalbet l-inverzjoni tal-provi u għalhekk dan l-argument huwa għal kwantu assurd.

65. Il-Bank bħall-Avukat tal-Istat sostna illi kienu l-appellanti li kellhom iressqu l-provi neċessarju sabiex jippromwovu sew l-azzjoni tagħhom. Żied illi l-Qrati tagħna dejjem imxew mal-prinċipju illi *onus probandi et qui dicit non ei qui negat.*

66. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

*"Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea, kif ukoll addottata mill-Qrati Maltin illi sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragonevoli jew le fi proceduri ghandhom jigu meqjusa l-fatturi segwenti:*
*1. In-natura u/ jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni;*
*2. L-imgieba processwali tal-partijiet fil-kawza; u*
*3. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti millawtorita' gudizzjarja stess.*

*Illi dwar in-natura u l-komplessita' tal-kaz odjern il-Qorti rat mill-kopja tal-att ta' akkuza a fol. 489 et seq li l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent huma diversi, tnax b'kollox, li jvarjaw minn akkuzi relatati ma' hasil ta' flus, korruzzjoni ta' ufficcjali u mpjegati pubblici, influwenza llegali f'decizjonijiet, falsifikazzjoni, uzu ta' skritturi u dokumentazzjoni falza, dikjarazzjoni jew stqarrija falza u induzzjoni ghal kxif ta' sigriet professjonali, fost ohrajn. Il-Qorti tqis li ghalkemm fl-atti odjerni ma gewx esebiti l-atti kollha kriminali w'ghalhekk ma setghetx tara l-provi u x-xhieda li tressqu fil-konfront tar-rikorrent, li mill-akkuza huwa evidenti li l-kaz fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed ferm kompless u jinvolvi bosta persuni, hafna minnhom kienu jzommu posizzjoni pubblika. Ghalhekk la darba din il-Qorti qed tqis li l-kaz kontra r-rikorrent huwa fil-fatt wiehed kompless wiehed per konsegwenza jistenna li dan jiehu certu zmien sabiex jinstema' u jkun jista' jigi konkluz.*

*Illi dwar l-imgieba processwali tal-partijiet fil-kawza l-Qorti tqis li kien ikun ferm ahjar li kieku fl-atti gew esebiti almenu l-verbali tas-seduti sabiex hija tkun tista' tgharbel l-agir tal-partijiet tul l-andament tal-kawza. Dan in-nuqqas ta' prova jista' biss jigi addebitat lir-rikorrenti li kellhom huma l-obbligu li jressqu l-prova fl-atti odjerni. Il-Qorti rat li mix-xhieda tal Assistent Kummissarju Ian Abdilla jirrizulta li l-ahhar xhud ta l-prosekuzzjoni tressaq fid-9 ta' Jannar, 2017. Din il-Qorti izda rat li fl-atti ma ghandha xejn li jevidenzja r-raguni ghalfejn il-kawza tawlet minn Settembru 2009 sa' Jannar, 2017 u ċjoè jekk kienx rizultat biss ta' dilungar mill-prosekuzzjoni, mid-difiza jew da parti tat-tnejn jew ukoll minhabba ragunijiet ohra estranei ghall partijiet, ghalkemm gie accenntat li l-prosekuzzjoni kienet qed tistenna li akkuzati ohra tkun inqatghet il-kawza taghhom sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza kontra r-rikorrent. Il-Qorti, dwar il-perjodu bejn Settembru 2009 u Jannar 2017 tqis li ma tressqux bizzejjed provi da parti tar-rikorrenti li kellhom l-oneru tal-prova sabiex tkun tista' tasal gahll-konkluzjoni li d-dewmien ma kienx wiehed gustifikat abbazi tat-tieni kriterju u ċjoè l-agir tal-partijiet fil-kawza.*

*Illi izda dwar il-perjodu bejn Jannar 2017 sal-lum ma jistax jinghad l-istess. Jirrizulta lil din il-Qorti minn dak li xehed l-Assistant Kummissarju Ian Abdilla li sa minn Jannar 2017, meta tressaq l-ahhar xhud, sal-bidu tas-sena 2021 l-prosekuzzjoni baqghet ittawwal il-kaz tistenna li possibilment jitressqu tlett xhieda ohra kontra r-rikorrenti. Possibilment kien l-intavolar tal-kawza kostituzzjonali odjerna fl-24 ta' Awwissu , 2020 li wassal sabiex il prosekuzzjoni finalment tiehu li tirrinunzja ghax-xhieda u taghlaq l-istadju tal-provi taghha. Minn Jannar 2021 jirrizulta mix-xhieda tal-istess Assistant Kummissarju li fil-kaz kriminali kienu qed jistennew li jinhargu l-artikoli u dan mill-anqas ghal seba' xhur sad-29 ta' Lulju, 2021 meta rega xehed l-Assistant Kummissarju ian Abdilla quddiem din il-Qorti. Sal-lum jirrizulta li l-kaz kontra r-rikorrenti ghadu pendenti. Il-Qorti tqis li l-agir tal-prosekuzzjoni fl-atti kriminali almenu minn Jannar, 2017 il-quddiem serva sabiex b'mod ingust twalu ferm il-proceduri kontra r-rikorrent u dan bi ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq tar-rikorrent. Illi dwar it-tielet kriterju ċjoè l-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess l-Qorti ghal darb'ohra tqis li fl-atti ma tressqux provi sufficjenti sabiex jevidenzjaw li l-proceduri twalu ghal xi ragunijiet mputabbli lill-Qorti li qed tipresjedi l-kaz anzi pjuttost il-provi jippuntaw lejn nuqqasijiet filkonfront tal-prosekuzzjoni.*

*Konkluzjoni:*

*Illi in vista tas-suespost il-Qorti qed issib li effettivament ir-rikorrent Saviour Micallef sofra u ghadu qed isofri minn lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fit-termini talArtikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni rizultat ta' dewmien ingust fil-proceduri minn Jannar 2017 il-quddiem. Illi ghal dan il-ksur il-Qorti tqis li l-ahjar rimedju li tista' taghti ghalih f'dan l-istadju huwa dak ta' danni mhux pekunjarji favur ir-rikorrent. Il-Qorti ma tqisx li s-semplici dikjarazzjoni tal-ksur hija sufficjenti. Illi in kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-quantum tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Fil-kaz odjern rrizulta li d-dewmien mhux gustifikat gie pruvat minn Jannar 2017 il-quddiem. Ficcirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li danni mhux pekunjarji fissomma ta' erbat'elef Euro (€4,000) hija somma idonea."*

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:*

67. Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma' dak osservat mill-Ewwel Qorti. Fir-rigward il-kumpens, il-Qorti ma tqisx illi dan għandu jiġi awmentat, b'dana illi l-kumpens non-pekunarju likwidat mill-Ewwel Qorti fl-ammont ta' ewro 4000, huwa altru milli adegwat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ odjern.

68. Fir-rigward il-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għal konklużjoni minnha raġġunta, din il-Qorti tikkondividi pjenament dak osservat mill-Ewwel Qorti u dak sottomess mill-appellati u ssib illi dana l-aggravju huwa fieragħ. Il-prinċipju *onus probandi et qui dicit non ei qui negat* huwa prinċipju basilari u kardinali fil-liġi tal-proċedura u f'materja ta' prova. Jekk tali prova ma ssirx, ġie dejjem ritenut illi *actore non probante reus absolvitur.*

69. L-oneru li jiġi pruvat dewmien eżaġerat u irraġonevoli kien jinkombi fuq l-appellanti, prova li għall-perjodu bejn *Settembru 2009 u Jannar 2017,* mill-atti ma rriżultatx. Kellhom ikunu l-appellanti li jħarrku d-diretti interessati sabiex jiġu esebiti l-atti relattivi mill-proċeduri kriminali, u dan propju għaliex l-utilità ta' din il-prova kienet fl-interess tal-appellanti, u mhux fl-interess tal-intimati. *Ciononostante*, l-appellanti għażlu li jibqgħu inadempjenti, u minflok ma ġġustifikaw dan in-nuqqas minħabba raġunijiet barra mill-kontroll tagħhom, fir-rikors tal-appell, addirittura jittentaw jikkonvinċu lil din il-Qorti illi kellu jkun l-Avukat tal-Istat li jkun mgħobbi bil-piż ta' din il-prova- argument li fil-fehma ta' din il-Qorti jmur kontra prinċipji bażilari tad-dritt proċedurali.

70. Għalhekk u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula, dana l-aggravju qiegħed jiġi ukoll miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da